MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 155/2004

**Silvio Vella f'ismu *proprio* u bħala direttur tal-kumpannija *Michael Vella and Sons Limited***

***Versus***

**Alfred u Georgina konjuġi Theuma u Mahmood Al Atijat u martu Doreen Cassar**

Din hija kawża dwar appalt li l-atturi jgħidu li twettaq ħażin. Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-atturi kienu qabbdu b'appalt lill-konvenut Alfred Theuma jagħmlilhom xogħol ta' tqegħid ta' mija u sebgħa u sebgħin metru kwadru (177m$^2$) madum fl-art tal-maħżen numru mija u ħamsa (105), Xatt l-Għassara tal-Għeneb, il-Marsa. Kellu jitqiegħed ukoll il-madum ta' żewġ *toilets* u ta' kamra bid-doċċa. Il-prezz miftiehem kien ta' elf, mija u ħamsin lira (Lm1,150) – daqs elfejn, sitt mija u tmienja u sebgħin euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€2,678.78) – magħduda t-taxxa fuq il-valur miżjud.

Minħabba ċirkostanzi indipendenti mir-rieda tal-partijiet, l-appalt kellu jitħassar meta kien għad baqa' li jitqiegħed bejn wieħed u ieħor tletin metru kwadru (($30m^2$) madum tal-art u l-madum tal-kamra tat-*toilet* u tad-doċċa. Tax-xogħol li sar il-konvenut Theuma tħallas sitt mitt lira (Lm600), daqs elf, tliet mija u sebgħa u disgħin euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€1,397.62). L-atturi mbagħad qabbdu lill-konvenut l-ieħor, Mahmood Al Atijat, biex ikompli l-appalt, u ta' dan Mahmood Al Atijat tħallas disa' mija u ħamsin lira (Lm950), daqs elfejn, mitejn u tnax-il euro u disgħin ċenteżmu (€2,212.90).

Ix-xogħol, iżda, ma sarx kif iridu l-arti u s-sengħa għax il-konvenuti ma għamlux xogħol sew. Ħafna mill-madum tal-art, l-aktar il-parti ta' quddiem il-maħżen, tkisser għax tqiegħed fuq sodda, magħmula l-aktar minn żrar u ramel, li ma kinitx tiflaħ l-istrapazz. Minħabba f'hekk, l-art kollha tal-maħżen ikollha ssir mill-ġdid.

Billi, minħabba f'din il-ħsara, l-atturi ma jistgħux jinqdew bil-maħżen biex jesponu l-prodotti tagħhom għall-bejgħ, qegħdin iġarrbu ħafna danni li għalihom għandhom iwieġbu l-konvenuti. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuti ma għamlux xogħol tajjeb, jew tgħid min minnhom ma għamilx xogħol tajjeb, meta wettqu l-appalt;

2. tgħid illi għalhekk għandhom iwieġbu għad-danni – kemm biex jinqala' l-madum u kemm biex jinxtara madum ieħor floku u jitqiegħed mill-ġdid – li ġarrbu l-atturi minħabba fix-xogħol ħażin;

3. tgħid illi l-konvenuti għandhom iwieġbu wkoll għad-danni konsegwenzjali minħabba telf ta' qligħ;

4. tillikwida d-danni li ġarrbu l-atturi; u

5. tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom jaħti, iħallsu d-danni hekk likwidati flimkien mal-ispejjeż ġudizzjarji, fosthom dawk tal-ittra uffiċjali tal-24 t'April 2003.

Il-konvenuti Theuma ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-azzjoni waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-art. 2153[1] tal-Kodiċi Ċivili;

---

[1] **2153.** L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn.

2. l-azzjoni ma setgħetx issir kontra l-eċċipjenti għax l-attur ma ħallasx tax-xogħol li għamel l-eċċipjent;
3. it-talbiet tal-atturi ma jistgħx jintlaqgħu għax "persuna għandha biss twieġeb għal dawk id-danni kaġjonati biss minn tortijiet u nuqqasijiet imputabbli għaliha bl-aktar mod esklużiv u assolut", kif igħid u jrid l-art. 1031[2] tal-Kodiċi Ċivili;
4. l-eċċipjent ma jweġibx għad-danni għax l-atturi daħħlu ħaddiema oħra fuq xogħol tiegħu, u l-eċċipjent ma jweġibx għax-xogħol magħmul minn terzi;
5. it-tqegħid ta' madum fuq il-parti ta' quddiem fejn hemm l-aktar ħsara ma sarx mill-eċċipjent li għalhekk għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju kif igħid u jrid l-art. 1031 tal-Kodiċi Ċivili;
6. it-tqegħid tal-madum fuq wara tal-maħżen sar mill-eċċipjent skond l-istruzzjonijiet mogħtija lilu mill-atturi "għar-riskju esklussiv" tagħhom, u għalhekk il-ħtija taqa' *in toto* jew *in parte* fuq l-atturi kif igħid u jrid l-art. 1051[3] tal-Kodiċi Ċivili;
7. dik il-parti tax-xogħol li saret mill-eċċipjent saret sew, kif iridu l-arti u s-sengħa;
8. il-ħsara fil-madum imqiegħed mill-eċċipjent seħħet mhux minħabba nuqqasijiet tal-eċċipjent iżda minħabba fatturi li ma kellux kontrol fuqhom u minħabba negliġenza tal-atturi fl-użu tal-fond, u għalhekk igħoddu għall-każ l-artt. 1029[4] u 1051 tal-Kodiċi Ċivili; u
9. it-talbiet għal dikjarazzjoni ta' ħtija u għal likwidazzjoni u ħlas ta' danni għandhom jiġu miċħuda għax "inveritjier kemm fattwalment u kif ukoll legalment".

Il-konvenuti Mahmood Al Atijat u Doreen Cassar ma ressqux eċċezzjonijiet fiż-żmien li tagħti l-liġi, iżda l-konvenut Mahmood Al Atijat b'rikors tat-12 ta' Jannar

---

[2] **1031.** … … … kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.

[3] **1051.** Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni ta' l-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara li batiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni.

[4] **1029.** Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.

2007[5] talab illi jiġustifika l-kontumaċja tiegħu u li jitħalla jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu f'dak l-istadju. L-atturi waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2007[6] iddikjaraw illi ma jopponux għat-talba u għalhekk il-qorti tat lill-konvenuti Mahmood Al Atijat u Doreen Cassar żmien biex iressqu eċċezzjonijiet.

L-istess konvenuti iżda baqgħu ma ressqux l-eċċezzjonijiet tagħhom fiż-żmien li ngħatalhom. Reġgħu talbu aktar żmien b'rikors tat-18 ta' Ġunju 2007[7], iżda t-talba ġiet miċħuda fis-27 ta' Ġunju 2007[8]. Reġgħu tennew it-talba b'rikors ieħor tat-3 ta' Lulju 2007[9] u din it-talba wkoll kienet miċħuda fid-29 ta' Frar 2008[10].

Dawn il-konvenuti għalhekk jitqiesu li baqgħu kontumaċi.

L-azzjoni tallum hija mibnija fuq l-obbligazzjonijiet li joħorġu minn appalt, u għalhekk l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti Theuma, taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili, li tolqot l-azzjonijiet *ex delicto vel quasi* ma tgħoddx għall-każ. Fil-fatt il-konvenuti Theuma irrinunzjaw għal din l-eċċezzjoni waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2006[11].

Daqstant ieħor irrelevanti, għall-istess raġuni, huma t-tielet, il-ħames, is-sitt u t-tmien eċċezzjonijiet tal-konvenuti Theuma, ilkoll mibnija fuq dispożizzjonijiet tal-liġi li jinsabu fit-taqsima dwar delitti u kważi-delitti.

Ħażina wkoll hija t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti Theuma, li tgħid illi l-azzjoni ma setgħetx issir kontrihom għax il-konvenut Theuma għadu ma tħallasx ta' xogħlu. In-nuqqas ta' ħlas, *se mai*, jagħti lill-konvenuti azzjoni kontra l-atturi għall-ħlas, iżda ma żżommx lill-atturi milli jfittxu għad-danni, aktar u aktar meta l-atturi jippretendu illi għandhom jitħallsu huma għad-danni u mhux iħallsu għax-xogħol li jgħidu li sar ħażin.

Dwar il-meritu, il-qorti, billi kienet tal-fehma li kienet teħtieġ l-għajnuna ta' espert, b'dikriet tad-29 ta' Frar 2008[12] ħatret

---

5 *Foll.* 90 *et seq.*

6 *Fol.* 110.

7 *Fol.* 117.

8 *Fol.* 120.

9 *Foll.* 121 *et seq.*

10 *Fol.* 129.

11 *Fol.* 70.

12 *Fol.* 129.

perit tekniku li ħalef ir-rapport tiegħu[13] fil-25 ta' Ġunju 2008. Il-perit sab illi l-ħsara ġrat l-aktar għal dawn ir-raġunijiet:

1. għax il-madum li tqiegħed ma kienx jiflaħ għal użu industrijali;
2. għax ma saritx sodda kif kellha ssir meta tqis illi t-tqegħid sar f'maħżen industrijali;
3. għax it-tqegħid ma sarx kif iridu l-arti u s-sengħa; u
4. għax fuq il-madum tqiegħdu piżijiet aktar milli kien xieraq.

Il-fatti relevanti seħħew hekk:

L-attur kellu maħżen li fih ried iżomm merkanzija li kienet tinġarr fil-maħżen b'*forklifter*. Ried li jitqiegħed madum tal-art li jiflaħ għal dan l-użu u, wara li l-konvenut Alfred Theuma wrieh *garage* ta' terzi f'Ħal Qormi fejn kien qiegħed il-madum Theuma stess, l-attur ftiehem ma' Theuma li dan kellu jqegħedlu l-madum bħal ma kien għamel fil-*garage* ta' Ħal Qormi. Meta Theuma kien lesta bejn wieħed u ieħor sebgħin fil-mija (70%) tax-xogħol, lill-attur bdew jiġuh xi dubji dwaru u għalhekk beda jfittex li x-xogħol ikomplih ħaddieħor. Fil-fatt qabbad lill-konvenut Mahmood Al Atijat, u dan, flimkien ma' xi nies tiegħu, lesta l-bqija tax-xogħol.

Meta t-tqegħid tal-madum tlesta u bdiet tinġarr il-merkanzija tan-negozju tal-atturi fuq *forklifter*, il-madum beda jfaqqa' u jixxaqqaq. Ir-raġunijiet għal dan huma kif ingħad fuq, skond kif imfisser mill-perit tekniku maħtur mill-qorti.

Billi, fil-fehma tal-qorti, igħoddu konsiderazzjonijiet differenti dwar ir-responsabbiltà tal-konvenut Alfred Theuma u dik tal-konvenut Mahmood Al Atijat, jeħtieġ illi nqisu ż-żewġ każijiet wieħed wieħed.

Ladarba Theuma kien il-kuntrattur u għalhekk għandu jitqies li jifhem fix-xogħol tiegħu, u kien jaf – għax wera lill-attur il-*garage* f'Ħal Qormi – l-użu maħsub għall-maħżen, kien imissu mill-ewwel għarraf lill-attur illi s-sodda ma kinitx tajba, illi l-madum magħżul ma jiflaħx għal użu industrijali, u illi xogħol sew ma setax isir bir-rati miftiehma. Jekk l-attur ried jiffranka l-flus, kien dmir ta' Theuma li jgħarrfu – għax huwa l-kuntrattur, mhux is-sid, li

[13] *Foll.* 163 *et seqq.*

jifhem fix-xogħol – li b'dawk il-prezzijiet u b'dak il-materjal ma setax isir xogħol sew. Theuma dan ma għamlux; l-attur qagħad fuqu li sejjer jagħmel xogħol sew, u għalhekk Theuma għandu jwieġeb għad-danni li ġarrab l-attur minħabba xogħol ħażin.

Fil-każ ta' Mahmood Al Atijat is-sitwazzjoni hija xi ftit differenti. Għalkemm huwa minnu illi l-attur xehed li lil dan ukoll għarrfu illi l-maħżen riedu għal xogħol industrijali u biex jiflaħ piżijiet, huwa minnu wkoll illi dan il-konvenut sab biċċa sew mix-xogħol ġà lesta, ma kellux għax jaħseb li ma saritx sew, u għalhekk kompla bl-istess materjal u fuq l-istess sodda. Madankollu, billi, fil-fehma tal-perit tekniku, il-kwalità tax-xogħol li sar minn dan il-konvenut u mill-ħaddiema tiegħu kienet fqira ħafna, huwa xieraq li dan ukoll jerfa' sehem mir-responsabbiltà. Meta tqis illi l-biċċa l-kbira tal-ħsara ġrat minħabba l-kwalità tal-madum u tas-sodda, aktar milli minħabba l-kwalità tax-xogħol, il-qorti taqbal mal-perit tekniku illi l-konvenut Mahmood Al Atijat għandu jwieġeb għal għoxrin fil-mija (20%) mill-ħsara fil-parti tal-art fejn qiegħed il-madum hu jew il-ħaddiema tiegħu.

Mela l-konvenut Theuma jwieġeb għal sebgħin fil-mija (70%) tad-danni u l-konvenut Mahmood Al Atijat iwieġeb għal għoxrin fil-mija (20%) ta' tletin fil-mija (30%), jew sitta fil-mija (6%).

Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

Il-qorti taqbel mal-perit tekniku illi l-konvenuti għandhom iħallsu biex jitneħħa l-madum li qiegħdu huma. Taqbel ukoll illi ma għandhomx iħallsu għat-tqegħid ta' sodda tal-konkos għax din hija nefqa li kellha ssir ukoll li kieku x-xogħol sar sew mill-ewwel. Għall-istess raġuni ma taqbilx illi l-konvenuti għandhom iħallsu biex jinxtara u jitqiegħed madum ġdid; għandhom iżda jħallsu tal-madum li tqiegħed ħażin u jroddu dak li tħallsu għat-tqegħid.

Id-danni mela jiġu likwidati hekk:

| | | |
|---|---|---|
| • | qlugħ tal-madum u tat-torba[14]: | Lm 680.00 |
| • | prezz tal-madum li tqiegħed ħażin[15]: | Lm 691.61 |
| B'kollox: | | Lm1,371.61 |

[14] *Fol.* 170.

[15] Dok. SV8, *foll.* 28 *et seqq.*

Sehem il-konvenut Theuma (70%) jiġi disa' mija u sittin lira u tlittax-il ċenteżmu (Lm960.13) waqt li sehem il-konvenut Mahmood Al Atijat (6%) jiġi tnejn u tmenin lira u tletin ċenteżmu (Lm82.30).

Il-konvenut Theuma għandu jrodd ukoll il-ħlas kollu li rċieva – sitt mitt lira (Lm600) – biex hekk b'kollox għandu jagħti elf, ħames mija u sittin lira u tlittax-il ċenteżmu (Lm1,560.13) waqt illi l-konvenut Mahmood Al Atijat għandu jrodd għoxrin fil-mija (20%) tal-ħlas li rċieva; 20% ta' disa' mija u ħamsin lira (Lm950) jiġi mija u disgħin lira (Lm190) biex b'kollox dan il-konvenut għandu jagħti mitejn u tnejn u sebgħin lira u tletin ċenteżmu (Lm272.30).

L-attur *proprio et nomine* qiegħed jippretendi wkoll danni minħabba telf ta' qligħ għax ma setax jinqeda bil-maħżen għax-xogħol tiegħu. L-attur jikkalkola li tilef qligħ ta' sittax-il elf u tlieta u disgħin lira (Lm16,093). Din l-istima hija maħduma fuq id-differenza bejn id-dħul li kellu f'sena waħda u *projection* ta' dħul għall-istess sena.

Il-qorti ma tarax illi dan huwa kalkolu affidabbli għax ma huma mfissra b'ebda mod il-fatturi u assunzjonijiet li tqiesu għall-għanijiet tal-istima. Fiċ-ċirkostanzi, l-istima tat-telf ta' qligħ tista ssir biss *arbitrio boni viri* u l-qorti tillikwida dan it-telf fis-somma ta' tlitt elef lira (Lm3,000).

Il-konvenut Theuma għandu jagħmel tajjeb għal sebgħin fil-mija (70%), jew elfejn u mitejn lira (Lm2,100); b'kollox id-danni li għandu jwieġeb għalihom Theuma jiġu tlitt elef, sitt mija u sittin lira u tlittax-il ċenteżmu (Lm3,660.13), daqs tmint elef, ħames mija u ħamsa u għoxrin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€8,525.81).

Il-konvenut Mahmood Al Atijat għandu jagħmel tajjeb għal sitta fil-mija (6%), jew ħamsin lira (Lm50); b'kollox id-danni li għandu jwieġeb għalihom Mahmood Al Atijat jiġu tliet mija u tnejn u għoxrin lira u tletin ċenteżmu (Lm 322.30), daqs seba' mija u ħamsin euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€750.76).

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tgħid illi l-konvenuti ma wettqux sew l-appalt lilhom mogħti mill-atturi u għandhom iwieġbu għad-danni li ġarrbu l-atturi minħabba f'hekk: il-konvenut Theuma fis-sehem ta' sebgħin fil-mija (70%) u l-konvenut Mahmood Al Atijat fis-sehem ta' sitta fil-mija (6%); tillikwida d-danni li għalihom għandhom jagħmlu tajjeb il-konvenuti Theuma fis-somma ta' tmint elef, ħames

mija u ħamsa u għoxrin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€8,525.81), u tikkundanna lil dawn il-konvenuti jħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati; tillikwida d-danni li għalihom għandhom jagħmlu tajjeb il-konvenuti Mahmood Al Atijat u Doreen Cassar fis-somma ta' seba' mija u ħamsin euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€750.76), u tikkundanna lil dawn il-konvenuti jħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.
L-ispejjeż jinqasmu hekk: il-konvenuti Theuma jħallsu sebgħin fil-mija (70%), il-konvenuti Mahmood Al Atijat u Doreen Cassar iħallsu sitta fil-mija (6%), u l-atturi jħallsu l-erbgħa u għoxrin fil-mija (24%) li jifdal.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------